MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 865/2002

**Joseph Gauci u martu Vincenza Gauci, u Carmelo Galea u martu Pauline Galea**

**Vs**

**Jane Galea illum mart Anthony Ellul, u Paola armla ta' Paolo Galea, Maryanne, Raymond, Carmen, Elizabeth u Maria, ilkoll ulied Paola Galea**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors pprezentat minn Joseph Gauci u martu Vincenza, u Carmelo Galea u martu Pauline Galea fis-26 ta' Lulju, 2002, li in forza tieghu wara li ppremettew:

1. Illi s-sekwestranti Jane Galea et ottjenew sentenza favur taghhom fl-14 ta' Lulju 2000 fl-ismijiet "Jane Galea et vs. Martina Galea.";

2. Illi fl-20 ta' Ottubru 1999 kienet mietet il-konvenuta Martina Galea;

3. Illi b'rikors ipprezentat fid-29 ta' Mejju 2000 (Dok. GG1), jigifieri xahrejn qabel ma nghatat is-sentenza, l-atturi Jane Galet et *`motu proprio'*, wara li rreferew huma stess ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 807 tal-Kapitolu 12, talbu li l-gudizzju jigi trasfuz fil-persuna ta' Guzeppi Galea u ohrajn, kif kien xieraq;

4. Illi b'digriet tat-13 ta' Lulju 2000 (Dok. GG2), il-Qorti, wara li rat ir-rikors tad-29 ta' Mejju 2000, "**Trid illi dan jigi notifikat a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 807 tal-Kap.12",** liema digriet qatt ma gie revokat mill-Qorti li tatu;

5. Illi l-esponenti rrinunzjaw ghall-wirt tal-konvenuta Martina Galea permezz ta' Nota pprezentata fir-Registru tas-Sekond'Awla;

6. Illi l-atturi Jane Galea et, habta u sabta, ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Numru 1212/02 kontra l-esponenti. Dan wara li l-atturi kienu naqsu li jinnotifikaw lill-esponenti bir-rikors u d-digriet hawn fuq riferit Dok. GG1 u GG2 kif riedet u ordnat il-Qorti;

7. Illi fit-8 ta' Marzu, 2002 l-attur pprezentaw rikors iehor fejn talbu lill-istess Qorti "tawtorizzahom jesegwixxu s-sentenza hawn fuq precitata, fl-ismijiet premessi, kontra l-imsemmija werrieta, ai termini ta' l-Artikolu 259 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta". B'hekk ippruvaw isewwu n-nuqqas gravi kommess deliberatament minnhom precedentement meta ma nnotifikawx lill-esponenti bid-Dok. GG1 u GG2 avolja l-Qorti riedet espressament li l-esponenti jigu notifikati;

8. Illi b'digriet tat-12 ta' Marzu 2002, il-Qorti riedet li r-rikors jigi kkonfermat bil-gurament u b'digriet tal-

15 ta’ Marzu 2002 il-Qorti, wara li rat li r-rikors gie mahluf, laqghet it-talba;

9. Illi skond l-artikolu 259 tal-Kap 12, meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, jekk l-eredi presuntiv [subinciz (2)] “*ikun ghad ma ddikjarax jekk hux bi hsiebu jaccetta l-wirt, jigi mahtur kuratur biex jidher ghal dan il-wirt, u l-esekuzzjoni titmexxa kontra dak il-kuratur”.* F’dan il-kaz, il-presunzjoni hi li mhux ser jaccetta l-wirt;

10. Illi mill-premess johrog car illi l-esponenti:

a. la nghataw l-opportunita’ li jirrispondu ai termini tal-art. 807 (2) Kap 12 [liema subinciz hu tassattiv] qabel ma nghatat is-sentenza, avolja kien hemm ukoll ordni tal-Qorti f’dan is-sens, li qatt ma giet revokata,

b. la nghataw l-opportunita’ li jsemmghu lehenhom qabel ma ntlaqghet it-talba maghmula bir-rikors tat-8 ta’ Marzu 2002,

c. u lanqas ma nghataw l-opportunita’ li jirribattu l-punt ta’ kif kawza moghtija kontra persuna ohra, Martina Galea, kellha tapplika kontra taghhom meta huma mhux biss ma kienux fil-kawza izda meta huma kienu rrinunzjaw ghall-eredita’ taghha b’Nota fis-Sekond’ Awla,

d. il-procedura stipulata fl-artikolu 259 tal-Kap. 12, citat mill-atturi stess, ma gietx segwita.

11. Illi l-esponenti talbu l-hrug ta’ l-opportun Kontromandat Nru 1434/02 (1) peress li l-esponenti rrinunzjaw ghall-eredita’ permezz tan-nota annessa, (2) peress li r-rikors li kellu jigi notifikat lilhom biex jidhlu fil-kawza, ma giex notifikat lilhom qabel ma nghatat is-sentenza; izda l-Qorti ddekretat it-talba fit-9 ta’ Lulju 2002,

illi “Peress illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-materja; Tichad it-talba.”;

12. Illi l-esponenti qeghdin jaghmlu l-prezenti rikors a tenur tal-artikolu 283A tal-Kap 12 sabiex jitlob li l-att esekuttiv jithassar ghal ragunijiet validi skond il-ligi;

13. Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha a tenur ta’ l-artikolu 283A tal-Kap 12 tordna li l-att esekuttiv, cioe’, Sekwestru Numru 1212/02, jithassar ghal ragunijiet validi skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-intimati Jane Galea et li in forza taghha gie eccepiet:

1. Illi t-talba ghat-thassir tal-mandat ta’ Sekwestru fl-atti fl-ismijiet inversi (Mandat Nru. 1212/02) hi ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

2. Illi preliminarjament, l-esponenti qed jissollevaw l-eccezzjoni ta’ “*ne bis in idem”*, u dan stante li l-istess rikorrenti kienu diga’ pprezentaw rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti ezatt fuq l-istess mertu kif indikat fir-rikors odjern u bbazat fuq l-istess ragunijiet kif moghtija f’dawn l-atti;

3. Illi dan ir-rikors kien gie michud minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta’ digriet taghha datat 9 ta’ Lulju 2002, kif huwa wkoll indikat fir-rikors odjern tar-rikorrenti fit-tielet paragrafu mill-ahhar;

4. Illi l-istess rikorrenti naqsu milli jintavolaw appell minn dak id-digriet fit-terminu stipulat mill-artikolu 283 A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk illum qed jittantaw li jergghu jressqu l-istess talbiet originali taghhom ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru Nru. 1212/02 kif gia mitlub fl-atti tal-kontromandat 1434/02, u michud kif hawn fuq premess;

5. Illi fil-mertu, ir-rikorrenti Joseph Gauci et huma l-werrieta effettivi tal-mejta Martina Galea, u ghalhekk is-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti moghtija fl-14 ta’ Lulju 2000 fl-ismijiet `Jane Galea et vs Martina Galea’ (Cit. Nru. 865/80 NA) tista’ tigi esegwita fil-konfront taghhom;

6. Illi l-istess rikorrenti kienu naqsu milli jirrinunzjaw ghall-wirt ta’ Martina Galea fiz-zmien stipulat bl-Artikolu 869 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk ir-rinunzja taghhom saret tard u hija ghaldaqstant nulla u bla effett fil-ligi. Ghall-kuntrarju ta’ dan, il-werrieta l-ohra kollha kienu rrinunzjaw ghall-wirt ta’ Martina Galea entro t-terminu prefiss mill-istess Artikolu, u ghalhekk ir-rikorrenti Joseph Gauci et huma l-unici werrieta tal-eredita’ ta’ Martina Galea;

7. Illi inoltre, l-Artikolu 858 tal-istess Kap. 16 jipprovdi li min jaccetta wirt ma jistax jattakka tali accettazzjoni fi stadju ulterjuri, sakemm ma kienx hemm qerq jew vjolenza, haga li f’dan il-kaz zgur li ma kienx hekk. Anzi, ta’ min jirrileva li r-rinunzja tal-wirt da parti tar-rikorrenti, li saret fit-2 ta’ Ottubru 2000, saret biss wara li l-esponenti kienu kitbulhom permezz ta’ ittra tal-avukat ta’ fiducja taghhom datata 19 ta’ Settembru 2000, sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni likwidati fis-sentenza precitata. Di fatti, l-esponenti kienu regghu interpellaw lir-rikorrenti permezz ta’ ittra ohra datata 10 ta’ Awissu 2001, u l-esponenti saru jafu b’din ir-rinunzja mir-risposta tal-esponenti ghal dik l-istess ittra.

8. Illi ghalhekk huwa car u manifest illi r-rikorrenti qed jippruvaw jezimu ruhhom mill-obbligi gia assunti minnhom, u dan stante li r-rinunzja ghall-wirt tal-mejta Martina Galea saret *ben oltre* t-terminu ta’ tlett xhur hawn fuq indikat, u saret biss wara l-interpellazzjoni kif gia inghad;

9. Illi inoltre l-esponenti jissottomettu bir-rispett li din ir-rinunzja hekk tardiva hija ferm indikattiva li huma kienu gia accettaw l-eredita’ ta’ Martina Galea minghajr il-beneficcju tal-inventarju, ghax kieku ma kienx ikollhom

jirrinunzjaw ghal xi haga li huma m'ghandhomx gia fil-pussess taghhom. Il-presunzjoni fil-Ligi hi li werriet ikun accetta l-wirt sakemm dan jew jirrinunzja ghalih fit-terminu prefiss jew jaccettah bil-beneficcju tal-inventarju ai termini tal-istess ligi, haga li r-rikorrenti m'ghamlux;

10. Illi sussegwentement, l-esponenti kienu talbu lil din l-Onorabbli Qorti permezz ta' rikors sabiex l-istess sentenza hawn fuq imsemmija tigi esegwita kontra r-rikorrneti odjerni Joseph Gauci et, liema talba kienet giet milqugha permezz ta' digriet datat 15 ta' Marzu 2002, u ghalhekk kien gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru li qed jigi kkontestat mir-rikorrenti;

11. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rinunzja tal-wirt min-naha tar-rikorrenti ma kinitx wahda valida, u ghalhekk l-ewwel raguni moghtija ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru tal-esponenti, jigifieri li r-rikorrenti kienu rrinunzjaw ghall-wirt tal-mejta Martina Galea, hija ghal kollox infondata;

12. Illi fit-tieni lok assolutament m'huwiex minnu li kellu jigi notifikat lir-rikorrenti xi rikors sabiex jidhru fil-kawza fl-ismijiet gia' msemmija qabel ma nghatat is-sentenza. Dan jista' jigi vverifikat billi jigu ezaminati l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Jane Galea et vs Martina Galea" (Cit. Nru. 865/80 NA);

13. Illi inoltre l-konvenuta f'dik il-kawza Martina Galea kienet giet nieqsa wara li l-imsemmija kawza giet imhollija ghas-sentenza u ghalhekk ma kien hemm l-ebda htiega ta' legittimazzjoni ta' atti kif qed jivvantaw ir-rikorrenti;

14. Illi barra minn hekk, jekk verament ir-rikorrenti qed jikkontestaw tali notifika jew nuqqas taghha fil-proceduri tal-kawza hawn fuq indikata, tali kontestazzjoni ghandha ssir b'mezzi ohra, u m'hux permezz ta' dan ir-rikors. Ghalhekk, anke t-tieni raguni moghtija mir-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni hija ghal kollox infondata;

15. Illi dawn is-sottomissjonijiet kollha qed isiru minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta' *"ne bis in idem"* sollevata *ab initio* mill-esponenti, stante li dan il-mertu gia gie ttrattat minn din l-Onorabbli Qorti u t-talbiet tar-rikorrenti michuda ghal kollox mill-istess Onorabbli Qorti, kif hawn fuq premess;

Ghaldhaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jissottomettu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li t-talba tar-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv fl-ismijiet inversi (Mandat Nru 1212/02) premessi hija ghal kollox infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jsegwu sentenza li l-intimati odjerni ottjenew kontra Martina Galea fl-14 ta' Lulju, 2000, b'decizjoni li kienet tat din il-Qorti fuq ic-citazzjoni numru 865/80/NA. B'dik is-sentenza l-konvenuta Martina Galea, kienet giet ikkundannata thallas lill-intimati (allura atturi f'dik il-kawza) is-somma ta' tnejn u erbghin elf seba' mija u hamsin Lira Maltin (LM42,750) in linea ta' danni. Gara, pero', li fil-mori tad-differiment tal-kawza ghas-sentenza, il-konvenut mietet (fil-fatt kienet mietet fl-20 ta' Ottubru, 1999), izda ghalkemm l-atturi ressqu rikors ghal-legitimazzjoni tal-atti fid-29 ta' Mejju, 2000, din il-Qorti xorta wahda ippronunzjat is-sentenza, minghajr ma ddekretat dak ir-rikors definittivament, wara li kkonstatat li l-konvenuta kienet mietet wara li l-kawza kienet gia differita ghas-sentenza.

Wara li nghatat is-sentenza, l-atturi, b'rikors tat-8 ta' Marzu, 2002, talbu l-permess jesegwixxu s-sentenza kontra l-eredi ta' Martina Galea, li huma identifikaw bhala li huma Joseph u Vincenza Gauci u Pauline u Carmela Galea. Din il-Qorti, wara li nsistiet li l-fatti elenkati fir-rikors jigu kkonfermati bil-gurament, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2002, laqghet it-talba tal-atturi.

In segwitu, l-atturi talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, numru 1212/02 kontra l-imsemmija eredi, il-konjugi Gauci u Galea.

L-imsemmija eredi konjugi Gauci u Galea qeghdin, b'dawn il-proceduri, jitolbu issa it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1212/02 peress illi huma kienu rrinunzjaw ghall-eredita' ta' Martina Galea b'Nota pprezentata fl-Onorabbli Sekond'Awla ta' din il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2000, u li ggib in-numru 1627/2000. Fil-fatt ir-rikorrenti eredi kienu gia ghamlu talba simili b'opportun rikors ghall-kontromandat (numru 1434/02), izda din il-Qorti, b'digriet tat-9 ta' Lulju, 2002, kienet cahdet it-talba "peress illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-materja".

In vista ta' dan id-digriet, l-intimati, f'dawn il-proceduri, ecceppew in- *"ne bis in idem",* u dan peress li talba simili giet, f'kull kaz, "michuda". Din il-Qorti tapprezza d-diffikulta' li holqot din il-Qorti bid-dicitura ta' cahda, pero', fil-verita', l-Qorti ma dahlitx fil-meritu, u sempliciment, fil-fatt, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba "peress illi hemm kontestazzjoni". Dan hu dak li, fil-verita', ghamlet din il-Qorti bid-digriet tad-9 ta' Lulju, 2002. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bartoli vs Mathioudes", deciza fid-29 ta' Lulju, 1970, biex jigi deciz jekk decizjoni precedenti tikkostitwixxix gudikat ghall-proceduri sussegwenti, "id-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn dik definit u spejgat." Il-motivazzjoni tad-decizjoni in ezami jindika bic-car li ma kienx hemm stharrig u ezami tal-meritu tat-talba mill-qorti, u din thalliet impregudikata ghall-gudizzju separat. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ta' *res gudicata* qed tigi michuda.

Ghar-rigward tal-meritu, jirrizulta li r-rikorrenti, bhala fatt, irrinunzjaw ghall-wirt ta' Martina Galea aktar minn tlett xhur wara l-mewt taghha; fil-fatt Martina Galea mietet fl-20 ta' Ottubru, 1999, u r-rinunzja tal-wirt da parti tar-rikorrenti saret fis-17 ta' Novembru, 2000. L-artikolu 869 tal-Kodici Civili, pero', jghid li r-rinunzja ghall-wirt ma tistax issir aktar minn tlett xhur wara l-ftuh tas-successjoni, f'kaz biss li dawk il-werrieta "jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt", u allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux *atto di eredita'*, huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt. Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza, "Borg noe vs Camilleri et", deciza fit-2 ta' Novembru, 1995, qalet illi sakemm werriet ma jaghmel ebda *atto di eredita'*, jista' jirrinunzja, u jitqies bhal li kieku qatt ma kien werriet.

Issa, f'dan il-kaz, ma giex allegat li r-rikorrenti kellhom fil-pussess taghhom oggetti tal-wirt, izda qed jigi allegat illi huma ghamlu *atto di eredita'* meta ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija li kien hemm koppja in okkupazzjoni illegali tar-razzett ta' Martina Galea. Ir-rikorrenti Gauci u Galea ma jichdux li ghamlu dan ir-rapport, izda jissottomettu li r-rapport m'ghamluhx bhala eredi. Huma jahdmu ghelieqi fil-vicinanza ta' dan ir-razzett u meta rawh okkupat, kull ma ghamlu kien li ghamlu rapport biex "johorgulna minn hemm u mhux biex jaghtuna c-cwievet". Fil-fatt, meta ghamlu rapport l-Ghassa tal-pulizija, gew moghtija parir jiehdu passi civili ghall-izgumbrament, izda dan m'ghamluhx ghax ma kellhomx interess. Jirrizulta wkoll li, meta l-persuni in okkupazzjoni saru jafu li sar rapport kontra taghhom fl-Ghassa tal-Pulizija, huma ivvakkaw il-fond u ddepozitaw ic-cwievet il-Qorti, b'Cedola notifikata lir-rikorrenti; ir-rikorrenti, pero', ma hadu ebda passi biex jirtiraw ic-cwievet jew jiehdu pussess tar-razzett li kienet toqghod fih Martina Galea.

Kif inhu risaput, l-accettazzjoni tal-wirt tista' tkun espressa jew tacita. Kif qalet din il-Qorti  fil-kawza "Camilleri vs Aquilina et", deciza fit-13 ta' Ottubru, 1983, l-accettazzjoni tkun espressa meta l-wirt ikun accettat f'kuntratt pubbliku jew skrittura privata, u tkun tacita meta l-eredi jaghmel att

li necessarjament timplika r-rieda tieghu li jaccetta l-wirt, u li ma jkunx intitolat li jaghmel hlief fil-kapacita' tieghu ta' eredi. Il-gurisprudenza hi fis-sens li l-att irid ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita' (ara Vol. XLVI.1.214).

Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li r-rikorrenti ghamlu xi att li univokament ghandu jigi interpretat bhala att ta' accettazzjoni tal-wirt ta' Martina Galea. L-interess tar-rikorrenti, jista' facilment jitqies, kif gie sottomess mir-rikorrenti, bhala interess li girien u/jew familjari juru f'cirkostanzi simili, u m'ghandux necessarjament jkun miftiehem bhala interess ta' werrieta. Kif jghid il-Baudry – Lacantinerie ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civili", "Delle Succesioni", Vol III para. 1114), *"per sapere se un atto implichi immistione, cioe', accettazione tacita, si deve considerare di preferenza la veste in cui il successibile credette di compierlo, anziche' quella con cui egli in realta' lo ha compuito."*

F'dan l-istadju l-Qorti mhux qed tittratta u tiddeciedi l-validita' ta' l-att tar-rinunzja tar-rikorrenti, ghax din materja li tkun trid tigi mistharga f'kawza *ad hoc* li tista' ssir fir-rigward; li qed jinghad f'dan l-istadju u ghall-fini ta' dawn il-proceduri, hu li r-rinunzja tas-17 ta' Novembru, 2000, li resqu ir-rikorrenti bil-forma li trid il-ligi, hija *prima facie* valida, u ma jidhirx li hemm cirkustanzi cari u univoci li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li tali rinunzja ghandha titqies invalida minhabba li kienet preceduta b'*atto di eredita'*. Kull ma ghamlu r-rikorrenti kien li rrapportaw persuni li kienu in okkupazzjoni illegali tar-razzett ta' familjari taghhom, u ma hadu ebda inizjattiva biex jizgumbraw lil dawk il-persuni mill-fond u biex jiehdu pusses tal-istess. Kif jghid il-Baudry – Lacantinerie (ibid. para 1115), "*la rinuncia non si presume",* u l-prova trid tkun wahda certa u definittiva u f'dan il-kaz din ic-certezza ma tirrizultax.

Tajjeb li jinghad ukoll li kif jghid l-istess Baudry – Lacantiniere (ibid para.1116), l-atti li jtiqiesu ta' mera

konservazioni ma jwasslux ghall-inferenza li l-wirt gie accettat. Jinghad fil-fatt li "*atti simili non fanno necessariamente supporre che il successibile li abbia eseguiti nell'intenzione di accettare la successione; perche' per compierli egli ha un altro titolo oltre di quello d'erede e di proprietario dei beni ereditari, il titolo cioe' di capace a succedere. Non e' solo un diritto, ma piu' ancora un dovere per il successibile di amministrare i beni ereditari."* Aktar 'l quddiem fl-opera tieghu, il-gurista jaghti ezempji ta' atti ta' konservazioni, u jsemmi fost ohrajn (para.1151), "*la disdetta data ad un conduttore; le misure urgenti per opporsi al deterioramento dei beni o allo sgombro dei conduttori; lo sgombro per evitare che il fitto non continui a decorrere."*

L-agir tar-rikorrenti jista', fl-ghar ipotesi, jigi deskritt bhala att ta' konservazioni, ghax serva biex il-beni tal-mejta jigu salvagwardati u ma jaqghux fil-pussess ta' terzi, u kwindi, ma jistghux jitqiesu bhala atti cari ta' accettazioni tal-wirt. L-importanti f'kazijiet bhal dawn hu mhux jekk l-imsejjah ghall-wirt kienx jaf li hu kien hekk imsejjah, izda jekk hu, wara li kellu dik ix-xjenza, wettaqx jew le *atto di eredita'* qabel ma rrinunzja. Il-fatt li l-imsejjah kien jaf li hu werriet, ma jfissirx li hu accetta li jkun werrieta, u jekk, bhala fatt, jirrinunzja ghall-wirt qabel ma jkun accetta (espressament jew tacitament *tramite atto di eredita'*), allura ma jitqies werriet, u jitqies, anzi, bhal li kieku qatt ma kien werriet.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti, anke kieku kellha dubbju dwar il-posizzjoni tar-rikorrenti, ma tistax izomm fis-sehh Mandat, li hu ezekuttiv, kontra taghhom, u dan ghax, kif intwera, hija l-fehma ta' din il-qorti li r-rikorrenti wrew, zgur *prima facie* (u aktar minn hekk) li huma irrinunzjaw ghall-wirt ta' Martina Galea, u la m'huwiex, tal-anqas f'dan il-mument, l-eredi taghha, m'huwiex responsabbli ghad-djun taghha.

Fid-dawl tal-premess, mhux mehtieg li jigi ezaminat jekk ir-rinunzja saritx fit-terminu ta' tlett xhur minn dak inhar, "li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom", kif indikat fl-artikolu 869 tal-Kodici Civili, u dan peress li ma jirrizultax la li r-

rikorrenti kellhom "il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt" u lanqas li ghamlu *atto di eredita'.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kwistjoni billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tirrevoka u thassar il-Mandat ta' Sekwestru numru 1212/2002.

L-ispejjez, minhabba n-natura tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------